FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-29 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR GEOFREY AZZOPARDI
VS
DOMINIC CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat dominic Caruana ta' 40 sena iben Joseph u Concetta nee Pace imwieled Pieta fis-6 ta' Marzu 1961 u residenti Flat 2, Block 4, Hubbard Flats, Triq alessandra, Bormla u detentur ta' karta tal-identita numru 192661M talli fit-18 t'Ottubru 2001 ghal habta tas-1.30pm f'San Pawl il-Bahar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm50 (Hamsin lira maltin) ghad-detriment ta' David Gatt minn Hal Lija u/jew ta' Marcel Kunz mill-Isvizzera.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura haiffa fuq il-persuna ta' Marcel Kunz, skond ma ccertifika Dr Kevin Navarro Gera MD ta' San Giljan.

Talli fl-sitess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,  saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAM 407 b'sewqan aktar milli jmiss (eccessiv) u b'manjiera traskurata u negligenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tad-29 t'April 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tad-29 t'April 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325, 221, 338dd tal-kap 9, Art 15(1)(a), 15(2), 15(3) kap 65, u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur u dan ghar-rigward l-ewwel tlett akkuzi.

Illi ghar-rigward ri-raba akkuza il-Qorti tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal 15 il-gurnata.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.